# Il-Plancier

Meta bdiet tifforma u tissaħħaħ il-Banda, l-Għaqda ħasset il-bżonn li tibni planċier biex tkun tista' tiġi aċċettata ddoqq fil-festa tar-raħal tagħna stess.
Ġara pero li l-planċier ġie armat f'divlivell qawwi minħabba n-niżla qawwija ta' quddiem il-knisja. Kien hawnhekk li ħassejna l-bżonn li nibdew taħdidiet mal-Kumitat tal-Festa Esterna biex iċaqilqu ftit ċentimetri l-pedestall ta' Sant' Anna biex b'hekk nevitaw ftit mill-periklu għal min jagħmel użu minnu.
Għal dawn l-aħħar tlett snin għamilna diversi tentattivi biex nagħmlu laqgħat mal-Kumitat tal-Festa Esterna biex nippruvaw nirranġaw din is-sitwazzjoni.



Min-naħa tal-Kumitat tal-Festa Esterna qatt ma ntweriet rieda tajba biex jiltaqgħu magħna ħalli niddiskutu flimkien anzi għal kuntlarju kitbulna ittra fejn qalulna li l-istatwa ta' Sant' Anna mhix ser tiċċaqlaq minn fejn tintrama s-soltu għax hija tradizzjoni li tintrama hemm.
Fuq talba tagħna biex meta jdoqqu baned imħallsin mill-Knisja jidħlu responsabbli huma tal-planċier wegħbuna li ma jidħlux responsabbli ta li jista' jiġri.
Fuq din id-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Festa Esterna, il-Kumitat ta' l-Għaqda tagħna ma setax jibqa' passiv u jaċċetta din l-irresponsabiltà ta' dan il-Kumitat. Għalhekk ġie deċiż li wara li l-Banda tesebixxi l-programm strumentali tagħha tas-Sibt filgħaxija (1999) il-planċier jiġi żarmat.
Wara li għaddiet il-festa b'wiċċ il-ġid, il-Kumitat tagħna reġa' beda jiltaqa' biex tinstab soluzzjoni dwar din il-kwistjoni. Reġgħu saru tentattivi biex nitkellmu mal-Kumitat tal-Festa Esterna u għal darb'oħra sibna l-bieb magħluq. L-aħħar ħaġa li stajna nagħmlu għal ġid tal-festa tagħna kienet li nirrikorru għal l-għola istituzzjoni tal-Knisja, jiġifieri l-Kurja, u minn hemm bdejna t-taħdidiet magħha.
Il-kwistjoni ħadha f'idejh Dun Anton Portelli (Kurja), li minn hawn nixtiequ nirringrazzjawh f'isimna u f'isem sħabna d-Dinglin ta' l-għajnuna li ta' biex tissolva din il-problema li tant kienet żgħira imma sfortunatament spiċċat hekk kbira. Nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw wkoll lill-Kanċellier Dun Carmel Zammit. Il-Kurja inkarigat il-Perit tagħha stess biex tagħmel rapport fuq il-kwistjoni u wara li tlesta r-rapport din is-sena il-pedestalli ta' Sant' Anna u San Ġwakkin ser jittellgħu żewġ tarġiet 'il fuq u l-planċier ikun jista jdur u ma jibqax daqshekk ta' periklu għall-Kor tal-Parroċċa u l-Bandisti. Meta ntlaħaq dan il-ftehim verbali, l-Għaqda offriet li tagħmel il- "platforms" ta taħt il-pedestalli hija stess. Sa mill-bidunett l-Għaqda tagħna dejjem uriet rieda tajba biex inkomplu nkabbru l-festa tar-raħal.



Ngħidu s-sewwa, qatt ma konna nobsru li kellna nispiċċaw il-kurja fuq żewġ affarijiet żgħir bħal dawn; waħda li tiddawwar l-istatwa ta' Santa Marija wiċċha lejn il-Każin, li għalih huwa msemmi u din il-kwistjoni tal-planċier, u li dawn setgħu iseħħu biss bis-saħħa tal-Kurja.
Nispera li fi ftit kliem irnexxielna infissrulkom x'ġara s-sena l-oħra meta qomtu nhar il-Festa filgħodu u ma rajtux il-planċier ħdejn il-knisja bħas-soltu. Nassigurawkom li jekk l-affarijiet jimxu kif suppost, u li l-ftehim ma jinkisirx min-naħa tal-Kumitat Festa Esterna, il-planċier jitgawda fil-festa kollha u fil-futur kif dejjem xtaqna għal ġid tal-festa tal-patruna tagħna.
Pero' għad-fadal ftit diskrepanza bejnietna li grazzi għal Kurja it-taħdidiet iridu jkomplu għaddejjin hekk kif tgħaddi l-festa tas-sena 2000.

*Kumitat*